Minuti tas-18 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar il-Erbgha 5 ta' Marzu, 2014. Il-laqgha nbdiet hin 3.40pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
|---|---|
| Sindku | Louis Apap |
| Vici-Sindku | CarmenVella |
| Kunsillier | David Apap Agius |
| | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |

**Ufficjali:**

Deputat Segretarju Ezekuttiv    Emily Amatulli Depasquale

## 1. Hatra tal-Vici - Sindku u accettazzjoni tal-kariga

1.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li huwa kien issottometta r-rizenja tieghu ta' Vici Sindku peress li issa kien qed jokkupa l-kariga ta' Sindku u huwa ghalhekk li din il-laqgha giet imsejha sabiex bl-istess procedura li saret fil-kaz tal-hatra tas-Sindku terga terrepeti ruhha biex din id-darba jinhatar il-Vici Sindku.

1.2 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv poggiet fl-ordni alfabetiku lill-membri tal-Kunsill u staqsiet lil kull membru ghal min kien qieghed jivvota.

1.3 Il-Votazzjoni saret kif segwenti:-

Apap Louis ivvota ghal Vella Carmen
Apap Agius David ivvota ghal Vella Carmen
Brooke Lisa Marie astjeniet
Vella Carmen ivvotat ghal Vella Carmen

1.4 Carmen Vella gie eletta Vici-Sindku tal-Kunsill Lokali Gharb.

1.5 Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv ghaddiet l-formola ta' l-accetazzjoni tal-Kariga lil Carmen Vella sabiex tkun tista' timliha.

1.6 Is-Sindku informa lill-membri prezenti li kienet waslet talba min-naha tal-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni fejn talbu permess sabiex issir fiera fil-berah fis-16 ta' Marzu, 2014.

1.7 David Apap Agius iddikjara li ghandu interess peress li huwa l-President ta' l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni u ghalhekk talab li jigi skuzat.

1.8 Saret diskussjoni fejn gie deciz li fil-permess ghandu jitnizzel li l-istalls ghandhom jitpoggew in-naha ta' l-iskola mill-garaxx tal-buses tal-familja Custo'sa tarf Triq il-Vizitazzjoni, li m'ghandhomx jitpoggew kaxxi fuq il-bankini jew quddiem residenzi fuq in-naha l-ohra tat-Triq filwaqt li wiehed mis-Security li jkun prezenti filghodu ghandu jibqa fuq il-post sa s'hin taghlaq il-fiera.

1.9 Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha hin 3.47pm.

1.10 Is-Sindku spjega lil Emanuel Muscat b'dak kollu li kien gie diskuss.

1.11 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill li s-Sinjura Margaret Mercieca kienet talbet sabiex tinghata 8 madumiet li b'kollox jiswew €9.50 sabiex jitwahhlu minnhom stess fl-isqaq ta' Gahan. Il-Kunsill qabel li dawn il-madum ghandhom jinxtraw.

## 2.0 Aggornament

2.1 Il-laqgha spiccat fl-3.55pm.

Konfermati minn

Louis Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv